**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 18 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**Vs**

**Mengstab Mulue Hayele et**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mengstab Mulue Hayele ta' 22 sena, imwieled Eritrea fit-12 ta Jannar 1994, iben Mulue u Aynom, residenti numru 15, Triq l-Innu Malti, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita numru 114512A;

U kontra Hylom Teame Tesfaalem ta' 20 sena, imwieled fl-Eritrea fl-1 ta' Jannar 1996, Iben Teame u Shimayns residenti gewwa Gemini Flats. FL2, Triq ta' Zandu, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita numru 115555A.

Talli fis-6 ta' Frar 2016 ghal-habta tal-4:30hrs gewwa l-Marsa:

1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-haja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Afewerki Teklesembet Yohannes skond kif iccertifikah Dr. Russel Tilney med. Reg. No. 5680 mill-Isptar Mater Dei;

2) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru l-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

3) F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux jistaw jiehdu hsieb taghhom infushom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-18 ta' Frar 2016, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat ukoll illi l-vittma qed jiddikjara li qieghed jahfer lill-imputati, jirrinunzja ghall-azzjoni Kriminali u li m'ghandu l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni a favur ta' Afewerki Teklesembet Yohannes ghal sena ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**